A.L. 17 ta' l-1984

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 66 ta' l-1981

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandu jitwaqqaf Bord, magħmul mid-Direttur jew minn rappreżentant tiegħu bħala *chairman*, minn rappreżentant tad-Direttur ta' Verifika, minn rappreżentant ta' l-*Accountant General* u minn dawk il-membri l-oħra li l-Ministru jista' jaħtar minn żmien għal żmien.".